**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**HAL LIJA**
**TEL NO : 21416111 FAX : 21416941**
**EMAIL : lija.lc@gov.mt**

# MINUTI

## Laqgħa Urġenti tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 65

<u>It-Tnejn 18 ta' Settembru 2017</u>

Il-Kunsill Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Robert Mifsud Bonniċi, fil-5:00p.m. ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku
Is-Sinjorina Stephanie Cutajar – Viċi Sindku
Is-Sinjorina Lorraine Farrugia – Minority Leader
Is-Sinjur Massimo Scerri – Kunsillier
Is-Sur Salvu Farrugia – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

ASSENTI
Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Georgette Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi ppresedjat il-laqgħa.

### 65.1 KONFERMA TA' AWARDED TENDERS TAL-COLLECTION OF MIXED HOUSEHOLD WASTE U TAL-LEGAL SERVICES.

65.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-17.04 hrs b'introduzzjoni mis-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi u qalet li din hija laqgħa straordinarja, fejn qalet li la għandu jiġi kkonfermat l-*awarded tender* tal-'Collection of Mixed Household Waste u anke tal-Legal Services.

### 65.2 TENDER – T01/2017 – SERVICE FOR THE COLLECTION OF MIXED HOUSEHOLD WASTE

65.2.1 Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi ppreżentat l-*Evaluation Report* iffirmat mill-*Adgudicating Committee* ta' din it-tender.
65.2.2 Fuq it-tender tal-Collection of Mixed Household Waste, is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li l-lowest bidder ta' din it-tender ma kienx *complaint* peress li ma kellux Euro 5 *trucks*.
65.2.3 Hija qalet li l-*Adjudicating Board* kellu jevalwa t-tieni lowest bidder u dan kellu żewġ trucks Euro 5.
65.2.4 Biex tikkonferma dan hija ppreżentat l-*original* log books taż-żewġ trukkijiet tat-tieni *lowest bidder* li hija s-Sinjura Maria Carmen Gatt.
65.2.5 Dawn kienu *complaint* mar-*requirements* tat-tender b'żewġ trukkijiet, wieħed kbir u ieħor żgħir Euro 5.
65.2.6 Il-prezz li qed jitlob din il-bidder, is-Sinjura Maria Carmen Gatt huwa ta' €102.00 excluding VAT, kuljum.
65.2.7 Il-Kunsill ikkonferma li din it-tender tiġi awarded lis-Sinjura Maria Carmen Gatt.
65.2.8 Il-Kunsill iddeċieda ukoll li jekk tinqala xi problema, jew tinfetaħ xi *claim*, il-Kunsill iġġedded il-kuntratt eżistenti kemm ikun hemm bżonn.
65.2.9 Jekk kollox imur sewwa, il-kuntrattur il-ġdid għandu jibda mill-1 t'Otturbu 2017.
65.2.10 Qabel ma jinbeda' l-kuntratt, il-ħaddiema flimkien mal-kuntrattur il-ġdid iridu mmorru juru r-rotta tar-raħal.

### 65.3 TENDER – T02/2017 PROVISION FOR LEGAL SERVICES

65.3.1 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi preżentat l-Evalutation Report iffirmat ukoll tat-tender T02/2017 'Provision for Legal Services'
65.3.2 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill li l-Adjudicating Committee sab naqra ta' diffikulta' biex jagħżel iċ-*cheapest bidder* li kien gtg Advocates, għal fatt li dawn l-Avukati kienu kitbu lill-Kunsill għan-nom ta' wieħed mill-kuntratturi tal-Kunsill wara li dan il-kuntrattur kien irċieva *Warning letter* mill-Kunsill.

65.3.3 Kieku kellu jintagħzel din il-kumpanija ta' l-Avukati, kien ser ikun 'conflict of interest'.

65.3.4 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li hija kienet bagħtitilhom e-mail fejn infurmathom li dawn l-Avukati ma baqgħux iktar jagħtu servizz lil dawn il-kuntratturi.

65.3.5 Dan ġie kkonfermat peress li meta reġgħet ntbagħtet Default Notice lil dan l-istess kuntrattur, ir-risposta ġiet mingħand kumpanija ta' Avukati oħra.

65.3.6 Il-Kunsill ikkonferma li din it-tender tiġi awarded lill-gtg Advocates.

## 65.4 TMIEM TAL-LAQGħA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

65.4.1 Din il-laqgħa urġenti ntemmet fis-05.20p.m. u ġiet aġġornata għal nhar L-Erbgħa 4 ta' Ottubru 2017, fil-5.00p.m.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Magda Magri Naudi | Georgette Borg |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |